MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2010

Numru. 797/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL BOND**

**KONTRA**

**RONALDO MUSCAT ta’ 53 sena, iben il-mejjet Edward u l-mejta Ludgarda nee’ Bartolo, imwieled il-Belt nhar id-9 ta’ Dicembru, 1956, residenti fil-fond 103, F/4, Siam Court, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 803556M;**
**OMISSIS;**
**OMISSIS**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **RONALDO MUSCAT** li gie akkuzat talli:

1. Nhar it-23 ta' Gunju, 2006 ghall-habta ta' bejn is-2.00pm u l-4.00pm, waqt li kien fuq il-post ta' negozju li jgib l-isem ta' Barbecue World, li qieghed fi Triq Wardija, Burmarrad, jew fil-vicinanzi tieghu, ikkometta serq ta' kwantita' ta' laham li l-valur tieghu jeccedi l-Lm100.00 izda inqas minn Lm1,000.00 liema serq hu aggravat bil-valur u bil-persuna u dan ghad-dannu tad-diretturi ta' l-imsemmija kumpanija.

Rat l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat fl-istadju ta' l-interrogatorju, u dan wara li gie moghti zmien xieraq mill-Qorti sabiex jahseb fuq l-istess;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, ghal liema l-imputat iddikkjara li ma kellu ebda oggezzjoni;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Semghet il-partijiet jitrattaw il-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmi **RONALDO MUSCAT** hati ta' l-akkuzi hekk kif dedotti fil-konfront tieghu, u wara li rat l-Artikoli 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligjiet ta' Malta, qieghda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn(2).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------